TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 29

It-Tlieta, 23 ta’ Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta’ Tal-Pieta` ltaqa' online fit-3.30 p.m.

Is-Sindku Keith Tanti ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Keith Tanti, il-Vici Sindku Zoya Attard u l-Kunsillieri Anthony Camilleri, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

***1.1*** Il-minuti tas-Seduta Nru. 28 li saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2021, kienu approvati.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

***2.1*** Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***3.1*** ***L-offerti ghal Cafeteria fi Pjazza San Luqa***. Il-Kunsill gie nfurmat li wiehed miz-zewg offerti mitfugha, ma kienx ghadu interessat. Ghaldaqstant, il-Kunsill accetta l-offerta li kien ghad fadal u cioe` dik l-aktar gholja sabiex topera din il-cafetteria.

**4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT (JAN-SEPT 21)**

***4.1*** Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghall-perjodu Jannar – Settembru 2021. Sal-ahhar ta' dan il-kwart, il-Kunsill qieghed jirregistra surplus ta' Eur36,675. Kien hemm qbil li dan huwa rizultat tajjeb ghal finanzi tal-Kunsill u ghandu jkompli f'din it-triq sabiex jonqos id-deficit li rrizulta fl-ahhar tas-sena 2020 meta gew imnehhija mill-kotba tal-Kunsill EUR 90,000 li huma sentejn ta' CSR dovuti mill-operaturi tal-isptar San Luqa.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat dan ir-rapport. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**5 L-OFFERTI TAL-GBIR TAL-ISKART**

***5.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ircieva zewg offerti ghas-servizz tal-gbir tal-iskart. Dawn kienu ta:

Galea Cleaning Solutions bi prezz ta' €127,440
u ta' Veladrians bi prezz ta' €153,008

Il-Kunsill qabel li jekk iz-zewg offerti ikunu administrative u technically compliant, il-Kunsill ghandu jmur ghall-irhas offerta u cioe` ghal dik ta' Saviour Galea bi prezz ta' €127,440.

**6 JITHADDRU L-ISQAQIEN TA' TAL-PIETA`**

***6.1*** Tressqet quddiem il-Kunsill, il-mozzjoni Nru VIII/29-1 (Appendici A) mressqa mill-Kunsillier Mark Pisani sabiex jithaddru l-isqaqien ta' Tal-Pieta`.

*6.2* Il-Kunsillier Pisani qal li dan il-progett ghandu jsir meta tinhareg xi skema jew minn xi fondi ohra li jkun jista' jaghmel uzu minnhom il-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni – *Rizoluzzjoni nru VIII/29-1.*

**7 KORRISPONDENZA**

*7.1* Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

**8 MISTOQSIJIET**

*8.1* Il-Kunsillier Pisani staqsa dwar kif il-Kunsill se jkompli bil-manutenzjoni generali wara li rtira is-Sur Charles Abela. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill qieghed jahdem sabiex isib replacement u b'hekk jitkompla x-xoghol mehtieg.

**9 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

*9.1* Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**10 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

*10.1* Is-Sindku, ssekondat mill-Kunsillier Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 28. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

**11. TMIEM**

*11.1* Fl-4.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Dicembru, 2021, fit-3.30pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Keith Tanti
Sindku